C/2023/790

9.11.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11341 – BFM / SP / BRASOL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/790)

1. Fit-30 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BlackRock Financial Management, Inc. ('BFM', l-Istati Uniti tal-Amerka), fil-kapaċità tagħha ta' maniġer tal-investiment għall-Climate Finance Partnership Fund, SCSP ('CFP', il-Lussemburgu), ikkontrollata minn BlackRock, Inc. ('BlackRock', l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Siemens Participações LTDA. ('SP', il-Brażil), sussidjarja proprjetà kollha kemm hi ta' Siemens AG ('Siemens', il-Ġermanja),

— Brasol Participações e Empreendimentos S.A. ('Brasol', il-Brażil), bħalissa kkontrollata minn SP.

BFM u SP se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artiklu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab indirett ta' Brasol.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— BFM: kumpanija tal-immaniġġar tal-investiment li toffri servizzi ta' kostruzzjoni ta' portafolli, immaniġġar tal-assi, u servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment,

— SP: kumpanija azzjonista stabbilita fil-Brażil bil-għan esklużiv li tagħmel investimenti fil-Brażil u f'pajjiżi oħra,

— Brasol: entità involuta fin-negozju tal-iżvilupp, il-finanzjament, l-akkwist, il-ġestjoni u l-bejgħ ta' proġetti relatati mal-enerġija fil-Brażil, inklużi żviluppi ta' ġenerazzjoni solari u oħrajn, proġetti ta' effiċjenza enerġetika u tranżizzjoni tal-enerġija, u l-forniment ta' servizzi tal-enerġija distribwiti anċillari.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11341 – BFM / SP / BRASOL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË